# Il-Ħadd 22.11.2015

1. Illum, 22/11, **Solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu**:-
   - Fil-5:00pm - Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Kristu Re fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar bit-tema: *Kristu Sultan, ħenn għalina.*
     Ser ikollna t-trasport ipprovdut mill-Unità tal-parroċċi tagħna.
     Min jitħajjar jiġi jinkiteb fis-Sagristija. Nitilqu mill-pjazza fl-3:40pm.

2. L-Erbgħa 25/11:-
   - Mill-5:15pm sas-6:00pm ser jiltaqa' l-Kor 'Kreattiv' ħalli jagħti sehemu fl-attivitajiet tal-Milied. Għalhekk qed nistiednu lit-tfal, minn Yr 3 'l fuq, biex jiġu hawn il-knisja f'dan il-ħin. Jekk xi ħadd ma jistax jattendi imma jixtieq jieħu sehem, jagħti ismu lis-surmast Tony Pace jew lill-Kappillan.
   - Bejn is-7:00pm u s-7:30pm – It-Tieni sessjoni ta' taħriġ għal-letturi tal-quddies immexxija mis-Sur Anton Farrugia, xandar fuq Campus FM. *Min għadu ma nkitibx fis-Sagristija, jieħu ħsieb jagħmel dan mill-aktar fis.*

3. Il-Ħamis 26/11:-
   - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Is-Sibt 28/11:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.

5. Il-Ħadd 29/11, **L-Ewwel Ħadd tal-Avvent**:-
   - Fit-8:15am - Quddiesa li fiha jsir it-Tberik tal-Girlanda li ser tgħinna biex nippreparaw ruħna għall-Miġja ta' Ġesù.

6. Avviżi oħra:-
   - Infakkar li bħas-snin ta' qabel, il-Parroċċa tagħna ser tippubblika d-Djarju-Kalendarju bl-attivitajiet Parrokkjali għas-sena 2016. Dawk li huma interessati jirreklamaw fih jew jisponsarjaw xi paġna, mitluba jinfurmaw lill-Kappillan mill-aktar fis.
   - Għal żmien il-Milied - bejn il-Milied u l-Epifanija - nixtiequ li l-quddiesa ta' filgħaxija tkun xi ftit speċjali u xierqa għal dan iż-żminijiet tas-sena. Għaldaqstant il-Kummissjoni Liturġija tal-parroċċa qed tistieden lil min jaf idoqq xi strument jew jaf ikanta biex jinkiteb fis-sagristija u hekk ikun qed joffri mit-talent tiegħu biex il-laqgħa ta' Kristu f'dan iż-żminijiet tieħu xejra differenti.
   - Il-Kunsill Lokali javża li wasal id-DVD bid-dokumentarju fuq l-Istorja ta' Ħal Safi.
     Dan jista' jinġabar mill-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-prezz hu ta' € 20.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 235 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-Fond tal-Iskejjel tal-Knisja;
   - € 100 bħala donazzjonijiet b'risq is-siġġijiet il-ġodda taċ-ċimiterju.
   - € 30 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-bankun u n-niċċa ta' San Pawl. Grazzi.